MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 547/2018/1 LM

**Saint James (Capua) Hospital Limited**
*(l-appellanta)*

***vs.***

**Lynda Barker**
**(Passaport tar-Renju Unit numru 465103433)**
*(l-appellat)*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti, hawnhekk "l-appellanta", **Saint James (Capua) Hospital Limited (C-14713)**, mid-deċiżjoni mogħtija fil-11 ta' Novembru, 2019 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni

appellata”) mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar (minn issa ’l quddiem “it-Tribunal”), li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda:

> *“billi filwaqt li jilqa’ l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta, jiddikjara li m’għandux il-ġurisdizzjoni sabiex jisma’ u jiddeċiedi l-kawża odjerna u konsegwentement jillibera lill-intimata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż tal-proċedura odjerna a karigu tas-soċjetà attriċi.”*

**<u>Fatti</u>**

2. Is-soċjetà rikorrenti istitwiet proċeduri quddiem it-Tribunal permezz ta’ avviż ippreżentat fis-26 ta’ Novembru, 2018 fejn talbet li l-konvenuta, hawnhekk “l-appellata”, **Lynda Barker** tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta’ erbat elef, ħames mija u ħamsa u disgħin Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€4,595.58) rappreżentanti il-prezz ta’ servizzi mediċi u servizzi oħra konnessi u anċillari mogħtija lill-konvenuta, liema somma hija dovuta minnha skont *invoice* datata 24 ta’ Novembru, 2017, bl-ispejjeż u bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellata Lynda Barker, waqt li kienet għall-btala f’Malta, fit-18 ta’ Novembru, 2017 ħassitha ma tiflaħx u ġiet riferuta lill-isptar St. James (Capua) għall-kura minn Dr Adrian Vella, it-tabib tal-lukanda fejn kienet qiegħda

tirrisjedi, u ġiet ammessa fl-*Immediate Care Medical Unit* tal-imsemmi sptar minħabba *chest infection*. Permezz tal-*consent form* li ġiet iffirmata mill-konvenuta appellata[1], hija ntrabtet li tħallas għas-servizzi ta' kura li hija tingħata, inklużi *medical and hospital supplies and services.*

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

6. It-Tribunal laqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimata fejn kien eċċepit li l-Qrati jew Tribunali Maltin, inkluż it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, m'għandhomx ġurisdizzjoni biex jiddeċiedu l-materja odjerna, wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *"Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħha il-konvenuta tikkontendi li dan it-Tribunal m'għandux ġurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddetermina l-azzjoni odjerna. It-Tribunal jinnota li l-azzjoni tikkonċerna talba għall-ħlas għal servizzi mediċi reżi mis-soċjetà attriċi lill-istess konvenuta meta din kienet tinsab Malta fuq btala, liema servizzi gew reżi lilha wara li din issottoskriviet għall-*consent form *relattiva eżebita a fol. 63 tal-proċess.*
>
> *Illi fir-rigward tal-materja legali konċernanti il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, jinsab deċiż is-segwenti :*
>
> > *"Issa, bħala fatti, jirriżulta illi l-konvenut huwa ċittadin Franċiż, ġie Malta bħala turista għal tlett ijiem biss fl-2003, u kwindi lanqas ma jista' jitqies bħala domiċiljat Malta. (…) Il-kuntratt, allura, sar Malta u l-flus waslu għand il-konvenut minn Malta. Is-socjetà attrici hija s-socjetà inkorporata u reġistrata taħt il-liġi ta' Malta. Il-konvenut intrabat li jrodd lura l-flus lilu mislufa, però, ma ġiex speċifikat fejn għandu jsir il-ħlas. Fid-dawl tal-premess, jista' jingħad fiċ-ċert li l-qrati Maltin ma għandhomx ġurisdizzjoni ordinarja fil-konfront tal-konvenut li la hu ċittadin u lanqas domiċiljat hawn Malta. Is-socjetà attrici*

[1] *A fol.* 63 tal-atti tal-kawża quddiem it-Tribunal.

> *tgħid li, ai termini ta' Sezzjoni II tar-Regolament, il-qrati Maltin għandhom ġrisdizzjoni speċjali u jistgħu jisimgħu l-każ. Skont ir-regolament relattiv, persuna domiċiljat f'pajjiż ieħor, jista' jiġi mħarrek f'pajjiż membru ieħor tal-Unjoni Ewropea* "in matters relating to a contract, in the courts for the place of performance of the obligation in question". *(…) (S)kont l-Artikolu 1159(3) u (4) tal-Kodiċi Ċivili tagħna, meta l-kreditur u d-debitur ma joqgħodux fl-istess gżira, u "f'kull każ ieħor, il-ħlas għandu jsir fejn ikun joqgħod bid-dar id-debitur". Il-konvenut/debitur ma joqgħodx f'Malta u kwindi l-obbligazzjoni li assuma m'għandhiex isseħħ f'Malta. Issegwi, li l-qrati Maltin m'għandhomx ġurisdizzjoni speċjali jittrattaw dan il-każ, għax il-"place of performance" mhux Malta.* ***(Maltrad (Holdings) Limited [C-28800] v. Norbert Coll*** *deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2015)."*

*Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li, għalkemm is-surreferit ġie deċiż fil-kuntest ta' self, ir-raġunament surreferit huwa applikabbli wkoll* mutatis mutandis *għall-każ in ezami. Fil-każ odjern ukoll is-soċjetà attriċi hija soċjetà regolarment reġistrata u kwindi domiċiljata Malta a tenur tal-Artikolu 63 tar-Regolamenti 1215/2012. Da parti tagħha l-konvenuta, kif jinsab pruvat mill-passaport tagħha li kopja tagħha ġiet eżebita f'dawn l-atti (fol. 50 tal-proċess) hija ċittadina Ingliża u domiċiljata l-Ingilterra skont id-dokument eżebit mill-Managing Director tal-istess soċjetà attriċi fejn fil-fatt ġiet notifikata bl-atti ta' din il-kawża. Huwa ċar għat-Tribunal li l-konvenuta tinsab domiċiljata barra minn Malta fir-Renju Unit u fil-fatt jidher li tali aspett lanqas ma jinsabx kontraddett tant illi hija stess ġiet notifikata bl-atti odjerni barra minn Malta fl-indirizz tad-domiċilju tagħha. Skont ir-Regolamenti 1215/2012 il-prinċipju regulatur huwa dak li "persuni b'domiċilju fi Stat Membru għandhom, independentement min-nazzjonalità tagħhom, jitressqu quddiem il-qrati ta' dak l-Istat Membru" (Art. 4). Huwa minnu li dan huwa suġġett għal għadd ta' eċċezzjonijiet (Taqsimiet 2 sa 7 tal-Kapitlu II) li jipprevalu fuq din il-regola prinċipali, fost liema eċċezzjonijiet hemm dawk intiżi sabiex, fi kliem l-istess Regolamenti,"b'relazzjoni mal-kuntratti ta' assigurazzjoni, tal-konsumatur u ta' impjieg, il-parti l-anqas b'saħħitha għandha tiġi mħarsa b'regoli ta' ġurisdizzjoni aktar favorevoli għall-interessi tagħha milli r-regoli ġenerali." (preliminari (18)). Madanakollu s-soċjetà attriċi ma rreferiet għal ebda regolament partikulari li, fil-fehma tagħha, kellu jipprevali fuq il-prinċipju regulatur surreferit sabiex jagħti lil dan it-Tribunal il-ġurisdizzjoni meħtieġa sabiex jisma' u jiddeċiedi dan il-każ minkejja li l-konvenuta hija domiċiljata fi Stat Membru ieħor. Ir-referenza għat-Taqsima 4 tar-*

*Regolament magħmulha miż-żewġ partijiet lanqas ma tista' tiġi ritenuta applikabbli għall-każ in eżami u dana għaliex, fi kwalunkwe każ, fil-każ in eżami, hija s-soċjetà attriċi li qed tfittex lill-konvenuta u mhux viċi versa u wkoll l-art. 18(2) jerga' jtenni l-istess prinċipju ġenerali surreferit.*

*Illi, madanakollu għandu jiġi kkunsidrat li, ai fini tal-art. 7 tat-Taqsima 2 tar-Regolamenti similment għall-każ hawn fuq ċitat, l-obbligazzjoni li s-soċjetà attriċi qed tipprova tenforza fil-konfront tal-konvenuta tirrigwardja pagament għal servizzi mediċi reżi mill-istess socjetà f'Malta a benefiċċju tal-istess konvenuta. Hawn ukoll ma giex miftihem post li fih irid isir il-ħlas għas-servizzi li ġew prestati f'Malta mis-soċjetà attrici li hija persuna reġistrata f'Malta (u fejn allura, fin-nuqqas ta' għażla, hija applikabbli l-liġi bħala l-liġi li tirregola l-prestazzjoni tas-servizz – dana kif provdut taħt l-art. 4(1)(b) tar-Regolamenti 593/2008). Fil-fatt, għalkemm il-konvenuta iffirmat* consent form *għat-trattament mediku li hija rċeviet, tali formola ma tipprovdi bl-ebda mod la għal-lok tal-pagament u lanqas għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin* ai fini *tal-Art. 25 tar-Regolamenti. Għalhekk fil-każ in eżami wkoll għandu japplika l-art. 1159 (4) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi li l-pagament għandu jsir fejn ikun joqgħod bid-dar id-debitur. Għalhekk ukoll jingħad li t-Tribunal m'għandux ġurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeċiedi dan il-każ.*

*Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi filwaqt li jilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta, jiddikjara li m'għandux il-ġurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeċiedi l-kawża odjerna u konsegwentement tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż tal-proċedura odjerna jiġu sopportati mis-soċjetà attrici."*

## Ir-Rikors tal-Appell

7. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-18 ta' Novembru, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

*"...għar-raġunijiet kollha hawn fuq imfissra, tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata tal-11 ta' Novembru, 2019, tiċħad l-eċċezzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-*

*appellata fejn eċċepiet li t-Tribunal għal Talbiet Żgħar m'għandux ġurisdizzjoni biex jisma' l-kawża odjerna, u konsegwentement tirrimetti l-atti lura quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, u tordna l-prosegwiment tal-kawża fil-mertu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimata appellata."*

8. Is-soċjetà appellanta tgħid li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal, għaliex (i) id-deċiżjoni tat-Tribunal kienet żbaljata inkwantu kienet ibbażata biss fuq l-art. 4 tar-Regolamenti 1215/2012 ("ir-Regolament"); (ii) id-deċiżjoni tat-Tribunal kienet żbaljata wkoll inkwantu tittratta l-ġurisdizzjoni relatata ma' konsumaturi skont l-art. 18(2) tar-Regolament; (iii) Id-deċiżjoni tat-Tribunal kienet żbaljata wkoll peress li, mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma japplikax l-art. 6 tar-Regolament, iżda anki jekk japplika, japplikaw l-istess regoli.

## **Ir-Risposta tal-Appell**

9. Fir-risposta tal-appell tagħha, l-appellata qalet li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija waħda ġusta u timmerita konferma. Kwantu għall-ewwel aggravju, l-appellata tispjega li r-regola ġenerali relatata mal-ġurisdizzjoni taħt ir-Regolament, hija dik taħt l-art. 4 li jistabbilixxi li persuni domiċiljati fi Stat Membru għandhom jitressqu fil-Qrati ta' dak l-Istat Membru fejn huma domiċiljati, indipendentement min-nazzjonalità tagħhom. L-appellata sostniet illi ladarba nġabet prova dwar id-domiċilju tagħha, kien l-obbligu tas-soċjetà attriċi li tipprova li tali regola ġenerali ma kinitx applikabbli. Tisħaq illi s-soċjetà

attriċi matul il-proċeduri bil-miktub u lanqas waqt it-tarattazzjoni orali ma invokat l-ebda regola speċjali taħt liema kellu jiġi kkunsidrat li t-Tribunal kellu jiddipartixxi mir-regola ġenerali msemmija. Kwantu għat-tieni aggravju, l-appellata tgħid illi l-appellata hija konsumatur ta' servizzi mediċi, u l-konsumatur bħala *'l-weaker party' ai termini* tar-raba' Taqsima tar-Regolament, jgawdi l-protezzjoni illi kwalunkwe azzjoni kontra tiegħu trid tinġieb bilfors fil-ġurisdizzjoni tal-konsumatur. Fir-rigward tat-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta, dan xejn mhuwa ċar, għaliex għad li huwa bbażat fuq l-art. 6 tar-Regolament, li jittratta sitwazzjonijiet fejn il-parti ma tkunx domiċiljata fi Stat Membru, f'dan il-każ il-konvenuta appellata kienet domiċiljata fir-Renju Unit, li fi żmien li saru l-proċeduri kien għadu Stat Membru.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà konvenuta flimkien mar-risposti mogħtija mill-appellat f'dan ir-rigward, u dan wara s-sentenza mogħtija mit-Tribunal.

*L-ewwel aggravju:* *id-deċiżjoni tat-Tribunal kienet żbaljata inkwantu kienet ibbażata biss fuq l-art. 4 tar-Regolamenti 1215/2012 ("ir-Regolament")*

Is-soċjetà appellanta permezz tal-ewwel aggravju tagħha tgħid illi t-Tribunal kien żbaljat meta qies biss l-art. 4 tar-Regolament. Spjegat li l-imsemmi art. 4 jenunzja biss r-regola ġenerali li persuni b'domiċilju fi Stat Membru għandhom indipendentement min-nazzjonalità tagħhom jitressqu quddiem il-qorti ta' dak l-Istat Membru, u ċertament din mhijiex ir-regola finali jew applikabbli. Is-soċjetà appellanta tgħid li mill-provi prodotti jirriżulta li l-appellata waqt li kienet Malta bħala turista, kellha bżonn il-kura medika meta ġiet rikoverata fl-isptar St. James wara li ġiet riferuta minn tabib privat. Tgħid ukoll li l-appellata ħalliet warajha kont ta' €4,595.58 li għal raġunijiet għalkollox infondati rrifjutat li tħallas u għalhekk is-soċjetà appellanta kellha tmexxi bil-kawża opportuna. Is-soċjetà appellanta ssostni li t-Tribunal jidher li qies biss l-imsemmija regola ġenerali, u ma kkunsidrax li r-Regolament jipprovdi dwar il-ġurisdizzjoni tiegħu f'dan il-każ. Is-soċjetà appellanta tgħid ukoll li waqt it-trattazzjoni li saret quddiem it-Tribunal dwar din l-eċċezzjoni preliminari, hija indikat b'mod ċar li t-Tribunal għandu ġurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeċiedi din il-kawża taħt l-art. 7 tat-Taqsima 2 tar-Regolament, li jgħid li f'materja ta' kuntratti ta' provvista ta' servizzi, il-ġurisdizzjoni hija dejjem tal-Qorti tal-post fl-Istat Membru fejn ikun ingħata jew suppost ingħata s-servizz. Is-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal żbalja fid-deċiżjoni tiegħu meta qies li l-obbligazzjoni bejn il-partijiet li minnha twieldet l-azzjoni odjerna, kienet il-ħlas tal-prezz tas-servizz ipprovdut mis-soċjetà appellanta lill-appellata, u mhux l-għoti tas-servizz mediku nnifsu, u ssostni li l-obbligazzjoni tal-ħlas kienet sussidjarja u anċillari għall-obbligazzjoni prinċipali tal-għoti tas-servizz. Min-naħa tagħha l-appellata tgħid

li jirriżulta li matul il-proċeduri, u anki fit-trattazzjoni orali, is-soċjetà appellanta ma invokat l-ebda regola speċjali taħt liema kellu jiġi kkunsidrat li t-Tribunal kellu jiddipartixxi mir-regola ġenerali taħt l-imsemmi art. 4 sabiex tagħti lit-Tribunal il-ġurisdizzjoni meħtieġa sabiex jisma' u jiddeċiedi dan il-każ minkejja li l-appellata hija domiċiljata fi Stat Membru ieħor. L-appellata tgħid illi mhuwiex minnu li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra l-applikazzjoni tal-art. 7 tar-Regolament, u anki li kieku kellu jiġi applikat l-art. 7, dan ma kien ser ibiddel xejn mill-eżitu tad-deċiżjoni, għaliex kif inhu evidenti mit-talba tas-soċjetà appellanta, l-obbligazzjoni inkwistjoni tittratta l-ħlas ta' servizzi u għalhekk il-*place of performance of the obligation in question* a tenur tal-art. 7 jiddependi mill-post fejn kellu jsir il-ħlas.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-obbligazzjoni inkwistjoni kienet waħda fejn l-appellata kkontrattat is-servizzi mediċi tas-soċjetà appellanta, li min-naħa tagħha aċċettat li tippresta dawn is-servizzi bil-patt u l-kundizzjoni li l-appellata tħallas dak li kien dovut għall-imsemmi servizz, u l-appellata permezz tal-*consent form*, aċċettat u obbligat ruħha li tħallas lis-soċjetà appellanta ta' dawn is-servizzi. Mill-provi jirriżulta li l-appellata seta' tajjeb jew ħażin kellha r-raġunijiet tagħha għalfejn ma tħallasx għas-servizzi mediċi pprestati lilha, raġunijiet li seta' kellhom x'jaqsmu mal-prestazzjoni tal-imsemmija servizzi mediċi, u allura huwa evidenti li kellu japplika l-art. 7 tar-Regolament li jagħti ġurisdizzjoni lit-Tribunal biex jisma' u jiddeċiedi dan il-każ. Għal dawn ir-raġunijiet tqis li dan l-aggravju tas-soċjetà appellanta huwa ġustifikat u għalhekk qiegħda tilqgħu.

*It-tieni aggravju:* *id-deċiżjoni tat-Tribunal hija żbaljata wkoll inkwantu qies li f'dan il-każ kien japplikaw d-dispożizzjonijiet relatata ma' konsumaturi skont l-art. 18(2) tar-Regolament*

Is-soċjetà appellanta tgħid li hawnhekk it-Tribunal bħal donnu qies li l-appellata hija konsumatur u għalhekk japplikaw għaliha d-dispożizzjonijiet relatati ma' konsumaturi, ossija l-art. 18(2) tar-Regolament. Is-soċjetà appellanta tgħid li ripetutament ġie ritenut illi l-art. 18(2) tar-Regolament huwa dejjem soġġett għal dak illi jingħad fl-art. 17 tal-istess Regolament u ssostni li l-appellata sabiex tittenta turi li f'dan il-każ kien japplika l-art. 17, tallega li s-soċjetà appellanta rreklamat is-servizzi mediċi tagħha fl-Ingilterra u li kien dan ir-reklamar li wassalha biex tirċievi s-servizzi mediċi pprovduti mis-soċjetà appellanta f'Malta. Min-naħa tagħha l-appellata filwaqt li tikkonċedi li l-art. 18(2) tar-Regolament huwa soġġett għall-art. 17 tal-istess Regolament, mill-provi ppreżentati huwa ċar li r-rekwiżiti msemmija fl-art. 17, b'mod partikolari dawk tal-art. 17(1)(ċ), huma sodisfatti.

Il-Qorti tqis illi dak illi qiegħda tikkontendi l-appellata, li kien l-allegat reklamar tas-soċjetà appellanta fl-Ingilterra li wassalha biex tirċievi s-servizzi mediċi li kellha bżonn mingħand is-soċjetà appellanta waqt li kienet għal btala f'Malta, bħala xejn kredibbli u inverosimili għall-aħħar. Ċertament li ħadd fiċ-ċirkostanzi li sabet ruħha fihom l-appellata, turista f'pajjiż barrani li kellha bżonn kura medika fi sptar, ma jkun f'pożizzjoni li jiddeċiedi fid-daqqa u l-ħin

f'liema sptar għandu jmur abbażi ta' xi reklamar, jekk sar, li xi darba jkun ra ġewwa pajjiżu fl-isfond ta' bumbardament ta' reklamar kontinwu u ta' kuljum li jsir f'pajjiżi bħar-Renju Unit. Mill-provi jirriżulta ċar illi fis-sitwazzjoni ta' emerġenza li sabet ruħha fiha l-appellata, kien it-tabib li invistaha fil-lukanda li bagħatha l-isptar St. James u ma kinetx hi li għażlet li tmur f'dak l-isptar għax xi darba kienet rat xi reklamar ta' dan l-isptar, li appropożitu skont ix-xhieda ġuramentata ta' Maria Bugeja, CEO tal-istess sptar, tali reklamar qatt ma sar mis-soċjetà appellanta fir-Renju Unit. Għal dawn ir-raġunijiet tqis li dan l-aggravju jistħoqqlu li jiġi akkolt u għalhekk qiegħda tilqgħu.

*It-tielet aggravju:* *Id-deċiżjoni tat-Tribunal hija żbaljata wkoll peress li ma japplikax l-art. 6 tar-Regolament, iżda anke jekk japplika, japplikaw l-istess regoli*

Is-soċjetà appellanta tikkontendi li t-Tribunal ma qiesx il-fatt li anki jekk ma japplikawx l-artikoli hawn fuq indikati, l-art. 6 tar-Regolament li għandu japplika sussidjarjament, iwassal għall-istess eżitu. L-art. 6 jgħid li fejn parti ma tkunx domiċiljata fi Stat Membru, għandhom japplikaw il-liġijiet ta' dak l-Istat Membru, inkluż ir-regoli ġurisdizzjonali tal-pajjiż. Huwa f'dan l-ambitu li s-soċjetà appellanta tagħmel riferiment għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 742(1)(d),(e) u (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Peress illi s-soċjetà appellanta resqet dan l-aggravju bla preġudizzju u b'mod sussidjarju għaż-

żewġ aggravji ta' qabel, il-Qorti qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-aggravju, ġialadarba l-ewwel żewġ aggravji ser jiġu milqugħa.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti hija tal-fehma li d-deċiżjoni appellata fejn ġiet milqugħa l-ewwel eċċezzjoni tal-appellata, għandha tiġi revokata u mħassra.

**Decide**

**Għar-raġunijiet kollha hawn fuq imfissra, filwaqt li tirrevoka u tħassar id-deċiżjoni appellata tal-11 ta' Novembru, 2019, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-appellata fejn eċċepiet li t-Tribunal m'għandux ġurisdizzjoni biex jisma' l-kawża odjerna, u konsegwentement tirrimetti l-atti lura quddiem it-Tribunal, u tordna l-prosegwiment tal-kawża fil-mertu.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**